**6 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Peter Mifsud

**Xhud Debitament Innotifikat - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali**

*Illi l-ġurisprudenza kostanti fil-materja tgħid li meta xhud, debitament innotifikat kif jirriżulta mir-riferta, ma jidhirx biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat għal dak ix-xhud, dik il-Qorti għandha tieħu dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa kontra dak ix-xhud, u tiddiferixxi s-smigħ tal-kawża għal data oħra, kemm-il darba dak ix-xhud ikun indispensabbli għall-prosekuzzjoni. Jekk dan ma jsirx, allura l-Avukat Ġenerali jkollu dritt ta' appell ai termini ta' l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodiċi Kriminali.*

*Jekk il-Qorti tgħaddi sabiex tagħti s-sentenza tagħha anke meta xhud, debitament innotifikat, jonqos li jidher bla ma jagħti raġuni valida, allura tinħoloq sitwazzjoni fejn il-proċediment u l-eżitu ta' proċeduri jkun jiddependi kompletament fuq jekk xhud ifettillux jidher jew le. Din tkun sitwazzjoni fejn kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Istat jiġu ppreġudikati inġustament.*

*Illi huwa biss meta l-prosekuzzjoni ma tkunx f'posizzjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta u tonqos mill-obbligi tagħha imposti mil-liġi li tesebixxi riferta posittiva u valida ta' xhud, li allura, f'tali ċirkostanzi, dan in-nuqqas bla dubbju ta' xejn għandu jmur a favur ta' l-akkużat li jkollu dritt li jitlob li l-proċeduri jitkomplew u ma jiġux imħollija għal data oħra. Għalhekk hija ħaġa naturali li qabel ma l-akkużat jagħmel tali talba, il-Qorti għandha tagħti kull opportunità lill-prosekuzzjoni li tesebixxi r-riferti relattivi jew tivverbalizza li x-xhieda tagħha huma debitament imħarrkin.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha Peter Mifsud kien ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għall-ħabta ta' Novembru, 1997, bħala l-persuna liċenzjata sabiex tiġġestixxi r-*restaurant* "L-Istazzjoni", ir-Rabat, Malta, ħalla li hemm isiru atti kontra l-liġi jew immorali;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti msemmija ddatata 27 ta' Mejju, 1998 li permezz tagħha *ma sabitx lil Peter Mifsud ħati u lliberatu mill-imsemmija akkuża;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ddatat 3 ta' Ġunju, 1998, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u, *minflok, wara li jinstemgħu l-provi, issib u* tiddikjara ħtija ta' l-istess appellat, u tinfliġġi l-piena skond il-liġi, jew, alternattivament, minħabba l-benefiċċju tad-doppju eżami, tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-proċediment bis-smigħ tal-kawża u deċiżjoni;

Illi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli, skond hu, l-Ewwel Qorti ma kinitx sabet ħtija fl-appellat peress li l-prosekuzzjoni ma kinitx ġabet xhieda. Skond l-appellant, dik il-Qorti kienet illiberat lill-appellat għaliex hi stess ma kinitx tat l-opportunità lill-prosekuzzjoni ttella' x-xhieda ndispensabbli, li kienu debitament imħarrkin, biex tipprova l-każ tagħha;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa fi ftit kliem li l-pulizija kienu ġew impeduti mill-Ewwel Qorti li jġibu l-provi **kollha** li kienu indispensabbli biex isaħħu l-akkuża kontra l-appellat, u li skond il-liġi setgħu jinġiebu;

Illi minn dak li rriżulta mill-provi li semgħet din il-Qorti,

jidher li meta ssejħet din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti u l-prosekuzzjoni sejħet bħala xhieda tagħha lill-Ispettur Sharon Tanti u l-WPS 24 Josephine Gauci, dawn għal xi raġuni ma daħlux mill-ewwel fl-Awla, l-għaliex kienu f'xi Awla oħra;

Jirriżulta li meta l-prosekuzzjoni kienet ser tibda tfittex għar-riferti ta' dawn ix-xhieda, l-Ewwel Qorti ma qagħditx tistenna jekk fil-fatt kienx hemm dawn ir-riferti, u għaddiet biex tiddeċidi li l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi u għalhekk illiberat lill-appellat Mifsud;

Illi skond l-Ispettur David Gatt, dak in-nhar hu fil-fatt kellu riferta posittiva waħda, dik tal-WPS 24, u ried jesebiha, iżda, kif intqal, l-Ewwel Qorti ma tatux iċ-ċans għal dan, u għaddiet għas-sentenza;

Illi l-ġurisprudenza kostanti fil-mateja tgħid li meta xhud, debitament innotifikat kif jirriżulta mir-riferta, ma jidhhirx biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sakemm il-prosekuzzjoni ma tkunx irrinunzjat għal dak ix-xhud, dik il-Qorti għandha tiegħu dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa kontra dak ix-xhud, u tiddiferixxi s-smigħ tal-kawża għal data oħra, kemm-il darba dak ix-xhud ikun indispensabbli għall-prosekuzzjoni. Jekk dan ma jsirx, allura l-Avukat Ġenerali jkollu dritt ta' appell *ai termini* ta' l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kap. 9;

Illi l-interpretazzjoni indikata hija waħda ferm raġonevoli u naturali. Jekk Qorti tgħaddi sabiex tagħti s-sentenza tagħha anke meta xhud, debitament innotifikat, skond riferta posittiva esebita, jonqos li jidher bla ma jagħti raġuni valida, allura tinħoloq sitwazzjoni fejn il-proċediment u eżitu ta' proċeduri jkun jiddependi kompletament fuq jekk xhud ifettillux jidher jew le, għalkemm regolarment imħarrek. Din tkun sitwazzjoni fejn kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-istat jiġu ppreġudikati

inġustament;

Illi huwa biss meta l-prosekuzzjoni ma tkunx f'posizzjoni li tinforma lill-Qorti dwar ir-riferta u tonqos mill-obbligi tagħha imposti mil-liġi li tesebixxi riferta posittiva u valida ta' xhud, li allura, f'tali ċirkostanzi dan in-nuqqas bla dubbju ta' xejn għandu jmur a favur l-akkużat li jkollu d-dritt li jitlob li l-proċeduri jitkomplew u ma jiġux imħollija għal data oħra;

Illi hija għalhekk ħaġa naturali li qabel ma akkużat jagħmel *tali talba, il-Qorti l-ewwelnett għandha tagħti* kull opportunità lill-prosekuzzjoni li tesebixxi r-riferti relattivi jew tivverbalizza li x-xhieda tagħha huma debitament imħarrkin;

Illi fil-każ odjern jidher li ftit tal-ħin wara, jekk mhux fl-istess nifs, li l-uffiċjal prosekutur kien qed jgħajjat sabiex ix-xhieda mħarrkin minnu jidhru, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tillibera lill-appellat, u dan peress li x-xhieda ma kinux għadhom dehru u mingħajr ma dik il-Qorti tat l-opportunità lill-prosekuzzjoni li tesebixxi riferti. F'dan l-istadju, għalhekk, kien ġà tard wisq sabiex il-prosekuzzjoni tipprova tesebixxi xi riferta jew tivverbalizza xi ħaġa;

Illi huwa evidenti għalhekk li dan ma kienx każ fejn il-prosekuzzjoni naqset mill-obbligi tagħha imposti fuqha mil-liġi, bħal ma ssemma qabel. *Skond ix-xhieda ta' l-Ispettur David* Gatt, li kien l-uffiċjal prosekutur quddiem l-Ewwel Qorti f'dawn il-proċeduri, hu kellu riferta posittiva ta' xi xhieda li kienu ssejħu u li għalhekk ġie mitħud milli jippreżenta sabiex ikun jista' jottjeni differiment ta*l-kawża* u jipproduċihom f'seduta oħra biex jissostanzja l-akkuża. Dan kollu ġara l-għaliex l-Ewwel Qorti għażlet li tgħaddi minnufih għas-sentenza tagħha mingħajr ma tat il-ħin xieraq u opportunità lill-prosekutur li jesebixxi dawk ir-riferti;

Din il-Qorti tifhem u tapprezza li l-Qrati tagħna, minħabba l-volum ta' xogħol konsiderevoli li għandhom, jistgħu jħossuhom iffrustrati meta ma jinġibux provi b'riżultat li proċeduri jitwalu. Iżda, fil-każ odjern, non si tratta ta' nuqqas ta' produzzjoni ta' provi, iżda kien każ fejn xhieda ma dehrux għal xi raġuni mhux attribwibbli lill-prosekuzzjoni. *Ma kienx* każ fejn il-prosekuzzjoni kienet effettivament ħarrket ix-xhieda tagħha, iżda ma ngħatatx l-opportunità mill-Ewwel Qorti li tispjega kjarament il-posizzjoni tagħha dwar ix-xhieda msejħa li ma dehrux, u dan billi tidikjara jew li ma kellhiex riferta dwarhom, jew li tesebixxi tali riferti posittivi;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u filwaqt li qed tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, tilqa' t-talba tiegħu sabiex din l-istess Qorti tisma' l-provi kollha hi u wara tiddeċidi fuq il-meritu.